# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## Is-Seba' Leġislatura

## Laqgħa Nru. 59

It-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2017

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Sur Joseph Farrugia | - Kunsillier |
| | Sur Frank Formosa | - Kunsillier |
| | Sinjura Alexandra Maria Mifsud | - Kunsilliera |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

**23 ta' Ottubru, 2017**

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

**59.1.01** Il-membri kollha huma preżenti u għalhekk m'hemmx ittri ta' apoloġiji.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 7-58.

**59.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa numru 58 kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**59.3.01** Il-Kunsill irċieva *commitment* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ta' €500 f'għajnuna għall-librerija tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ser joħroġ €500 mill-fondi tiegħu u b'hekk jinxtaw b' €1,000 f'kotba ġodda għall-librerija.

**59.3.02** Fuq talba tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Cir AKL 82/2017 – Reġistrazzjoni għas-sit elettroniku ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar Consultees not registered in eApps), il-Kunsill awtorizza lis-Segretarju Eżekuttiv biex tkun reġistratha fuq dan is-sit.

**59.3.03** Il-Kunsill irċieva email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (Cir AKL 79/2017) Inizzjattiva "Tetra għal-Istrina". Il-Kunsilliera ddeċidew li ma jieħdux sehem f'din l-inizzjattiva li tirrekjedi ġbir ta' kartuna tal-ħalib mingħand ir-residenti tar-raħal. Dan għaliex il-Kunsill m'għandux fejn iżżomm dan il-materjal. Jekk dan il-materjal ma jkunx nadif ser jkun hemm problema ta' sanita' fl-uffiċċju tal-Kunsill.

**59.3.04** Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta dwar proġett li ser jgħin lil nies fil-bżonn fl-Istrina. Fil-bidu ta' Diċembru f'kull lokalita' ser tinkiteb u titpoġġa il-kelma ISTRINA ġo post ċentrali. Ir-residenti se jkunu mistiedna jitfgħu €2 u jimlew il-kelma ISTRINA b'dawn il-muniti.

**59.3.06** Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħata l-ammont ta' €9,615.48 mill-fondi li ngħataw lir-Reġjun ta' Ghawdex b'rabta mal-Inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ħareġ "Commitment Letter" fejn intrabat li joħroġ is-somma ta' €9,000 mill-fondi tiegħu. Il-Kunsill ser jagħti tarmak fi Triq Wied L-Għasri fejn hemm problema kbira ta' l-ilma tax-xita.

**59.3.07** Il-Kunsilliera ġew informati li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser torganizza riċeviment tal-Milied, nhar il-Ħamis 28 ta' Diċembru. (Cirkulari AKL 78/2017).

**59.3.08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza dwar il-Kampanja "Sejħet is-Siġar". Il-Kunsill huwa obbligat li jiġbor l-applikazzjonijiet mingħand it-tfal ta' bejn l-etajiet ta' 8 u 10 snin. Wara, il-Kunsill ser iqassam ktieb u siġra lil dawn it-tfal. Dan biex titqajjem kuxjenza fost it-tfal dwar l-importanza li għandhom is-siġar. Il-kotba u siġar ser jiġu provduti mill-MJCL.

**59.3.09** Ser issir laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki nhar il-15 u 16 ta' Diċembru fil-Grand Hotel, Għawdex. Għal din il-laqgħa huma mistiedna ukoll il-"minority leader" kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

**59.3.10** Il-Kunsill Lokali tal-Ghasri ġie nformat li l-bilanċ mill Planning Authority's Development Planning Fund huwa ta' €15,781.46. Il-Kunsill ser juża dawn il-fondi sabiex issir restawr tan-nicca fi Triq Salvu Gambin. Il-Kunsill applika biex iġedded il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**59.3.11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Avviżi Legali 266/2017, 267/2017 u 268/2017 li jemendaw ir-Regolamenti Finanzjari tal-Kunsilli Lokali . Dawn għadhom ma ġewx fis-seħħ.

**59.3.12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Wasteserv dwar il-European Week for Waste Reduction (EWWR). Il-Kunsill ser jieħu sehem billi jagħmel attivita' ta' ġbir ta' ħwejjeġ fit-18 ta' Novembru. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-Kappillan Fr. Edward Xuereb sabiex tintuża is-sala tal-knisja biex jinġabru l-ħwejjeġ hemm f'din il-ġurnata.

**59.3.13** Ċirkulari Numru 26/2017 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**59.3.14** Ċirkulari Numru 27/2017 – Ġuramenti li jittieħdu minn Kunsillieri.

**59.3.15** Ċirkulari Numru 28/2017 - L-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-istruzzjonijiet li hemm fiċ-Ċirkulari 26/2017 m'għadhomx jgħoddu.

**59.3.16** Ċirkulari Numru 29/2017 – Kuntratti għal Servizzi skont Procurement Policy Note 25.

**59.3.17** Ċirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta' proġetti utli għall-komunita' bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali.

## 59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**59.4.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex il-passaġġ fi Triq Wied L-Għasri jiġi rranġat sabiex wieħed ikun jista jgħaddi bil-karrozza. Is-Segretarja għandha tmur mas-Sur Farrugia sabiex tara fejn hu dan il-passaġġ – tieħu ritratti u titlob l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex.

**59.4.02** Il-Kunsillier Frank Formosa ġibed l-attenzjoni li fuq il-knisja m'hemmx kalamita. Is-Segretarja Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jagħmel il-kalamita fuq il-knisja peress li l-knisja hija propjeta privata (tal-Kurja).

**59.4.03** Il-Kunsillier Frank Formosa qal li hemm ħajt imwaqqa quddiem tiegħu – dan waqa bil-maltemp. Il-Kunsill għandu jibgħat il-ħaddiem tal-Kunsill.

## 59.5 Evalwazzjoni tal-Attivita'- Traditions: Wine, Olive Oil & Honey

**59.5.01** Il-Kunsilliera qablu li l-attivita' ta' Traditions: Wine, Olive & Honey kienet tajba ħafna u għandha ssir kull sena. Fil-fatt il-Kunsill diġa applika sabiex jerġa jieħu l-fondi għal din l-attivita fis-snin 2018, 2019 u 2020. Gie ssuġġerut li jkun hemm aktar dawl fit-triq permess ta' festun. Bħala pożizzjoni tal-palk u stands għandhom jibqgħu l-istess. Ġie diskuss ukoll kif għandhom jinħadmu l-istands ta' l-ikel u xorb biex ikun hemm aktar kontroll.

**59.5.02** Is-Sindku ssuġġerixxa li jkun hemm attivita' oħra fil-bidu ta' Mejju. Il-Kunsilliera ma qablux li jkun hemm attivita' simili iżda qablu li l-Kunsill għandu jikkollabora mal-kumitat tal-festa biex issir attivita. Għal dan il-għan il-Kunsill għamel baġit ta' €1,000 biex ikopri l-entertainment, dawl, sound, pubbliċita u kiri ta' apparat oħra.

## 59.6 Programm għal Jum l-Għasri.

**58.6.01** Is-Sindku ssuġġerixxa li l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni ta' Jum l-Għasri issir nhar il-Ħadd 1 ta' Ottubru fl 10:00 ta' filgħodu. Fit-tmien tal-quddiesa jkun hemm il-preżentazzjoni tal-Premju Ġieħ l-Għasri jekk dan jiġi aċċettat. Wara jkun hemm bibita fis-sala taċ-Ċentru tal-Parroċċa. .

## 59.7 Ħatra ta' Bord għall-evalwazzjoni għall-offerti.

**59.7.01** Il-Kunsill ħatar lill-Perit Mario Cordina, l-Avukat Joshua Grech u n-Nutar Josette Spiteri Cauchi bħala evaluators għall-offerti (1)"Supply of Ready Mixed Concrete, Steel Fabric Reinforcement and Aggregate; (2) Tender for the Hire and Operation of Plant and Machinery to L-Ghasri Local Council; (3) Supply of Cold Asphalt".

## 59.8 Inizjattiva Finanzjarja - Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali

**59.8.01** Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €9,615.38 biex issir parti tat-triq bit-tarmak. Il-Kunsill ser joħroġ madwar €11,000 oħra biex issir parti minn Triq Wied l-Għasri fejn hemm problema ta' l-ilma tax-xita. Il-Kunsill diġa għandu tender valida biex jagħmel dan ix-xogħol.

## 59.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti;

**59.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-059 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti

## 59.10 Mozzjonijiet.

**59.10.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 59.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.

**59.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Novembru fis-7:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |